**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Paul Vassallo)

**vs**

**Emanuel Mifsud**

Illum 5 ta` Marzu 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Emanuel Vassallo ta` 34 sena, bin Nazzareno u Carmen Bonello, imwieled Birkirkara fit-8 ta` Ottubru 1967 u joqghod 310, Triq Patri A Tonna Barthet, Pembroke, ID 331467 (M):

1. Talli f`dawn il-Gzejjer fix-xhur ta` qabel is-16 ta` Ottubru 2001, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamilt, ordnajt jew gieghelt l-eghmil ta` xi tibdil fil-vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni FAV-112;

2. Talli fl-istess perijodu, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f`xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tgharif falz billi wahhalt registration plates, bin-numru HMY-187 ta` Ford Transit fuq il-Ford Transit bin-numru FAV-112;

3. Talli fl-istess perijodu sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f`xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tgharif falz filli wahhalt registration plates bin-numru HMY-187 ta` Ford Transit fuq il-ford Transit bin-numru IMV-382;

4. Talli fl-istess perijodu ghamilt uzu mill-vettura Ford Transit bin-numru FAV-112 minghajr ma kienet koperta b`licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr polza ta` assikurazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali;

Rat li l-akkuzat fis-seduta tal-lum ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuza;

Issibu hati;

Rat l-Artikolu 17 u 31 tar-Regolamenti ta` l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128) 1994, l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u rat li l-akkuzat ghamel uzu ta` vettura li ma kienitx koperta b`licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr polza ta` assikurazzjoni, kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9.

Tiddeciedi billi tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, stante l-kondotta aktarx nadifa ta` l-akkuzat u stante li r-reati mwettqa ikkagunawlu danni kbar.

Ghalhekk filwaqt li ssibu hati **tilliberah taht il-provvedimenti ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum.**

Il-Qorti qed tghati lill-hati it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.